MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Numru. 231/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs.**

**Andrew Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Andrew Pace**, ta’ ghoxrin (20) sena, iben Michael u Therese xebba Caruana imwieled gewwa l-Pieta’ nhar it-18 ta’ Gunju 1991 u residenti fil-fond 74, Grand Prix, Triq l-Insolja, Attard u detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 305891(M), akkuzat talli fl-4 ta’ Dicembru 2010 ghall-habta tat-03.00 ta’ filghodu gewwa dawn il-Gzejjer waqt li kien qieghed isuq/kien fil-pussess ta’ vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta’ registrazzjoni DRW 018:

1. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew bin-nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament kkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Ann Marie Gauci hekk kif certifikat minn Dr. A. Mercieca MD (Reg. No. 3279) mill-Isptar Mater Dei u diversi tobba ohra;

2. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament habat ma’ vettura tal-ghamla Fiat Uno bin-numru ta’ registrazzjoni JAH 925 u kkaguna hsara ghad-dannu ta’ Ann Marie Gauci u/jew ta’ persuni ohra;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta’ registrazzjoni DRW 018, bi traskuragni u/jew b’mod perikoluz u bla kont.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tiskwalifika lill-Andrew Pace milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta’ zmien li jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. “RVV 1” – *a fol.* 6).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 9).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Semghet lix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 83 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Robert Vella** (*a fol.* 10 *et seq.*) rigward l-incident stradali mertu ta' din il-kawza. Filwaqt li spjega li l-impatt bejn iz-zewg vetturi kien wiehed ikrah, spjega wkoll li filwaqt li l-parti leza, Ann Marie Gauci, sofriet xi griehi u kellha tittiehed bl-ambulanza l-isptar Mater Dei, l-imputat ma kien sofra ebda griehi. Tul id-deposizzjoni tieghu, l-Ufficjal Prosekutur ezebixxa diversi dokumenti, fosthom stqarrija tal-imputat (Dok. "RV 2" – *a fol.* 13 *et seq.*) u certifikat mediku ta' Ann Marie Gauci (Dok. "RV 3" – *a fol.* 16).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2012, xehed ukoll **PS 426 Anthony Portelli** (*a fol.* 17 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu (Dok. "AP 1" – *a fol.* 20 *et seq.*). Jispjega li kien mar fuq il-post tal-incident. Jghid li ha l-verzjoni taz-zewg sewwieqa, cioé ta' Andrew Pace u Ann Marie Gauci. Peress illi Gauci kellha tittiehed bl-ambulanza, hadilha l-verzjoni taghha ta' malajr u l-ghada ziedet xi haga ohra mal-verzjoni taghha. Mistoqsi dwar id-*debris* li jidher fl-iskizz jghid li dan kien, bejn wiehed u iehor, f'nofs ta' triq, bejn iz-zewg karreggjati. Jispjega li vettura li kienet tiela' lejn ir-Rabat fuq in-naha tax-xellug (tal-parti leza) spiccat fuq in-naha tal-lemin u li l-vettura li kienet niezla (mir-Rabat) fuq in-naha tax-xellug spiccat fuq in-naha opposta tat-triq. Jghid li d-daqqiet fiz-zewg vetturi kienu fuq in-naha tal-passiggier. Jghid li ma ra l-ebda brejkmarks fuq il-post tal-incident u li kieku rahom kien inizzilhom fl-iskizz.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li Gauci qaltlu li biex tevita lil Pace dawret lejn il-lemin.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2012, xehdet **Ann Marie Gauci** (*a fol.* 33) u pprezentat l-*file* mediku taghha tal-iSptar (Dok. "AG 1" – *a fol.* 35). Hija xehdet (*a fol.* 39 *et seq.*) li dakinhar tal-4 ta' Dicembru 2010 ghall-habta tas-2.00-2.30am kienet qed issuq il-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni JAH 925 minn naha ta' tas-Sliema sejra lejn Had-Dingli. Tispjega li kienet qed issuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq u li bhala traffiku ma kien hemm xejn: la

warajha u anqas quddiemha. Tghid li hekk kif daret mar-*roundabout* u kienet qieghda fil-karreggjata taghha, f'hin minnhom rat dawl ta' vettura gej fuqha. Tghid li din il-vettura kienet gejja bi *speed* eccessiv u li kienet qed tinstaq fuq il-karreggjata taghha. Tixhed li malli rat hekk, dawret l-i*steering* lejn il-lemin biex tevitah u li ma rnexxilhiex tevita l-vettura tal-imputat tant li dan hadha man-naha tal-passiggier. Tispjega li bid-daqqa l-vettura taghha daret. Tghid ukoll li l-vetturi spiccaw fil-karreggjati opposti ta' xulxin. Tghid li l-vettura taghha spiccat thares lejn Had'Attard. Qabel ma gibdet lejn il-lemin, tispjega li fuq ix-xellug kien hemm is-sigar, li kienu madwar metru l-boghod. Tiddeskrivi d-daqqa bhala wahda b'sahhitha. Tghid li ma setghetx timxi, rat id-demm, cemplet lill-genituri taghha u ntilfet naqra minn sensieha. Tghid li ttiehdet il-verzjoni taghha ta' kif sehh l-incident dak il-hin stess u kif ukoll l-ghada wara li kienu ghamlulha l-ewwel operazzjoni l-isptar. Fid-depozizzjoni taghha tkompli tispjega xi trattament inghatat ghall-griehi sofferti minnha. Tghid li l-vettura taghha giet skrapjatha. Taghmel riferenza ghal sitt ritratti li gew immarkati bl-ittra "A" sa "F" u li jiffurmaw parti minn Dok. "AG 1" (*a fol.* 35).

Illi, id-deposizzjoni ta' **Ann Marie Gauci** tkompliet waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 61) fejn Gauci qalet li dakinhar tal-incident kienet ghamlet ix-xita u li fil-hin tal-incident ma kinitx nizla x-xita pero l-art kienet ghadha mxarba.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-8 ta' April 2013 (*a fol.* 66 *et seq.*), tixhed li ma kienx hemm traffiku u li mar-*roundabout* l-*gear* kien fuq *second*. Tispjega li slowjat u kompliet mixja normali. Tghid li kienet qed issuq bi *speed* ta' 50 pero ma tafx jekk hux kilometri jew mili. Tispjega li mindu telqet ir-*roundabout* sakemm sehh l-incident kienet lehqet saqet id-distanza ta' zewg tulijiet ta' Awla 14 tal-Qorti. Ma kienitx kapaci twiegeb kemm kienet il-boghod il-vettura tal-imputat Pace meta ratha l-ewwel darba. Tghid biss li rat dawl gej ghal fuqha. Taqbel li t-triq hija dritta u tista' tara fit-tul. Tghid ukoll li meta rat din il-vettura, din il-vettura kienet kompletament fuq il-karreggjata taghha. Murija ritratti "AZM 1" u AZM 2" (*a fol.* 64 u 65) u

mistoqsija tghid jekk taqbilx li dawn juru l-hsarat fil-vettura tal-imputat, tghid li ma tafx. Taqbel mal-iskizz (*a fol.* 26). Ma tiftakarx kif spicca d-*debris* pero taqbel ma kif jidhru li spiccaw iz-zewg vetturi wara l-impatt (*a fol.* 26).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2012, xehed **Mr. Anthony Bernard** (*a fol.* 36 *et seq.*) li spjega li minn naha tal-ortopedija l-izjed haga serja li sofriet Ann Marie Gauci kienet *fracture dislocation* tal-*hip joint*. Jghid li l-gok hareg minn postu u li n-naha ta' fuq tal-ghadma tal-koxxa kienet miksura. Jghid ukoll li Gauci kellha *injuries* f'wiccha wkoll, fi snienha, *nasal bones* u fix-xedaq. Jghid li d-*dislocation* tista' twassal ghal nuqqas ta' cirkolazzjoni fl-ghadma ta' fuq. Jghid ukoll li l-wicc tal-gok ma jibqghax dak li kien u jista' jwassal ghall-*arthritis* wkoll. Jispjega li dawn l-effetti jibqghu ghal dejjem fis-sens li jibqghu bhala *permament disability*.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Paul Gauci** (*a fol.* 46 *et seq.*) li kkonferma li r-ritratti li gew immarkati bl-ittra "A" sa "F" u li jiffurmaw parti minn Dok. "AG 1" (*a fol.* 35) gew mehuda minnu.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2012, xehdet **Dr. Maria Farrugia** (*a fol.* 49 *et seq.*) u spjegat li hija ghamlet id-*discharge letter* (Dok. "MF 1" – *a fol.* 51 *et seq.*) li tinkludi l-lista tal-*injuries* li kellha Ann Marie Gauci.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2012, xehed **Dr. Thomas Azzopardi** (*a fol.* 56 *et seq.*) li ha hsieb il-kura tal-parti leza Gauci wara li Mr. Bernard irtira. Jghid li ra lil Gauci fl-*outpatients*. Jispjega li jista' jaghti l-kaz li fil-futur, Gauci jkollha taghmel *hip replacement* u jkollha problem bl-*arthritis*. Jghid li l-*hip* ta' Gauci inqalghet u nkisret. Jghid li l-ghadma ma ghandhiex cirkulazzjoni tajba u li l-ksur ghadu ma fieqx. Jispjega li jezistu varji xenarji li jistghu jizviluppaw.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembri 2012, xehed ukoll **Dr. Andre Mercieca** (*a fol.* 59 *et seq.*) li spjega li kien ezamina lil Gauci fl-4 ta' Dicembru 2010 u in vista tal-

griehi sofferti minnha kien irriferieha tmur it-*theatre* biex issirilha operazzjoni.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013, xehed **Michael Pace** (*a fol.* 74 *et seq.*) u spjega li huwa jigi missier l-imputat. Jghid li mar fuq il-post tal-incident wara ghaxar-hmistax minuti li cempillu ibnu. Jghid li l-vettura ta' ibnu kienet qieghda thares lejn ir-Rabat u li l-vettura l-ohra kienet qed thares lejn ir-*roundabout*. Jikkonferma li hu ha r-ritratti Dok. "AZM 1" u "AZM 2" (*a fol.* 64 u 65).

**Ikkunsidrat**

Illi da parte taghha Ann Marie Gauci, li kienet qed issuq fuq il-karreggjata li minn Had-Attard tiehdok lejn ir-Rabat, tispjega li kellha tinvadi l-karreggjata l-ohra (cioé dik li mir-Rabat tiehdok lejn Had-Attard) semplicement biss ghax rat li l-vettura tal-imputat, li kienet gejja mid-direzzjoni opposta, kienet qed tinvadi l-karreggjata taghha. Il-Qorti tinnota li l-imputat ma tax ix-xiehda tieghu f'dawn il-proceduri, kif kellu kull dritt li jaghmel *stante* li dawn huma proceduri kriminali kontra tieghu. Il-Qorti, ftit li xejn tista taghmel riferenza ghall-istqarrija rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija (Dok. "RV 2" – *a fol.* 13) u dana ghas-semplici raguni li l-imputat ghazel li ma jwegibx ghal maggior parti tad-domandi li sarulu. L-unika haga li tista' taghmel riferenza ghaliha l-Qorti bhala l-verzjoni tal-imputat hija dik li l-imputat ta lis-Surgent meta dan kien qed ihejji r-rapport tieghu (Dok. "AP 1" – *a fol.* 20 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex tanalizza l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat, ikun opportun li l-ewwel il-Qorti taghmel xi konsiderazzjonijiet rigward l-incident stradali *per se.*

Illi l-Qorti tinnota li l-impatt bejn iz-zewg vetturi kien wiehed qawwi u dana jirrizulta b'mod partikolari mill-griehi ta' natura gravi sofferti mill-parti leza, mill-hsarat kagunati fiz-zewg vetturi u, kif ukoll, minn kif spiccaw iz-zewg vetturi mal-habta wara l-incident. Minn harsa lejn l-iskizz

(Dok. “AP 2” – *a fol.* 26) imhejji minn PS 426 Anthony Portelli jirrizulta li ma gewx indikati l-ebda brejkmarks. Jista’ jaghti l-kaz li dawn ma gewx immarkati mal-art *stante* li l-art kienet imxarba minhabba li kienet ghadha kemm nizlet ix-xita. Minkejja dan, jirrizulta li fuq l-iskizz d-*debris* gie ndikat f’nofs it-triq, cioé bejn karreggjata u ohra. *Da parte* tieghu, PS 426 Anthony Portelli kkonferma li d-*debris* kien instab f’dak il-post u ghalhekk gie ndikat hekk fl-iskizz imhejji minnu (*a fol.* 18). Dan l-istat ta’ fatt *per se* jista’ iwassal ghal konkluzjoni li effettivament iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu lejn nofs it-triq **pero** wiehed ma jridx jinsa li l-hsarat kagunati fiz-zewg vetturi ma kienux fuq in-naha tal-lemin taghhom (cioé tan-naha tax-xufier) pero kienu koncentrati lejn in-naha tax-xellug (Ritratt mmarkat bl-ittra “E” liema ritratt jifforma parti minn Dok. “AG 1” – *a fol.* 35; Dok.”AZM 1” – *a fol.* 64). Fejn gew kagunati l-hsarat fiz-zewg vetturi maghdud mal-fatt li z-zewg vetturi spiccaw fuq il-karreggjata opposta ta’ xulxin, cioé fuq il-karreggjata li suppost huma ma kienux qeghdin isuqu fuqha, iwassal ghal konkluzjoni li dak li ntqal aktar qabel rigward fejn spicca d-*debris* fit-triq ma japplikax ghal kaz odjern. Fis-sens illi mhux bilfors li d-*debris* f’nofs ta’ triq jista’ jwassal ghall-konkluzjoni li z-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu f’nofs ta’ triq.

Illi Gauci tallega li Pace kien qed isuq bi *speed* eccessiv u li bid-daqqa l-vettura taghha daret. Din tista’ tkun spjegazzjoni plawsibbli ghala l-vettura misjuqa minn Gauci spicca thares bil-maqlub ta’ kif kienet qed tigi misjuqa.

Illi jirrizulta li filwaqt li Gauci kienet ghadha kemm qabzet *roundabout*, l-imputat kien ilu gej fid-dritt ghal certu distanza u b’hekk il-Qorti tista’ tiehu hjiel ta’ l-i*speed* li setghu kienu qeghdin isuqu bih iz-zewg sewwieqa.

Illi, minn harsa lejn il-verzjoni moghtija miz-zewg sewwieqa lis-Surgent ezatt wara l-akkadut, jirrizulta li filwaqt li l-imputat qallu li l-vettura ta’ Gauci kienet invadiet *“parti”* mill-karreggjata tieghu (*a fol.* 22), Gauci lis-Surgent qaltlu li l-vettura ta’ Pace kienet “*invadiet il-korsija”* taghha (*a fol.* 23). Hija biss it-tieni parti tal-verzjoni ta’ Gauci li giet mizjuda minnha l-ghada li sehh l-incident, meta s-

Surgent mar izurha l-iSptar Mater Dei. Dan ifisser li kien sa mill-ewwel ftit mumenti wara li sehh l-incident li Gauci sahqet li Pace kien invada l-karreggjata taghha (u mhux parti minnha).

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni moghtija minn Gauci jirrizulta li ghandha mis-sewwa u li l-verzjoni taghha tista tittiehed bhala kredibbli u bhala wahda veritjiera.

Illi, minkejja li jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni biss l-iskizz (Dok. "AP 2" – *a fol.* 26), wiehed jista' *prima facie* jiehu l-impressjoni li Gauci setghet ukoll tkun responsabbli ghall-incident stradali pero tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex li Gauci tat lok sabiex l-incident sehh u li ma kien hemm l-ebda element ta' kontributorjeta' da parte taghha u b'hekk Gauci m'ghandhiex tigi mghobbija bi htija kontributorja ghaliha.

Illi, filwaqt li l-Qorti taqbel ma' dak li nghad fid-decizjoni **Il-Pulizija vs. Carmel Mallia** (deciza fl-14 ta' Ottubru 2004 – Dok. "AZM 1" – *a fol.* 77 *et seq.*) kkwotata mid-difiza fit-trattazzjoni taghha, pero dak li nghad f'din id-decizjoni ma ghandux jigi applikat ghal kaz odjern u dana ghal diversi ragunijiet fosthom illi fil-kaz odjern l-Qorti hija sodisfatta minn dak li xehdet Gauci u kif ukoll minhabba l-fatt li jirrizulta li fid-decizjoni kwotata l-imputat kien xehed quddiem l-Ewwel Qorti (u b'hekk kemm il-Qorti ta' prim'istanza u kif ukoll il-Qorti tal-Appell setghu jevalvaw d-deposizzjoni tieghu, mentri fil-kawza odjerna l-imputat ma xehedx u ghaldaqstant il-Qorti kellha tibbaza ruhha fuq il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni).

Ghaldaqstant, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-incident stradali mertu ta' din il-kawza sehh ghaliex filwaqt li Gauci kienet qed issuq fuq il-karreggjata taghha, Pace kien invada l-karreggjata ta' Gauci (jekk mhux kollha kemm hi, parti minnha) bil-konsegwenza li gara li gara. Il-Qorti mhijiex sodisfatta li Pace kien qed isuq bi *speed* eccessiv u l-fatt li z-zewg vetturi spiccaw kif spiccaw jista' jigi

attribwit ghall-fatt li t-triq kienet mxarba u bil-manuvra li z-zewg sewwieqa hadu meta lemhu lil xulxin hadu manuvri li permezz taghhom spiccaw fil-pozizzjoni finali taghhom.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi din l-imputazzjoni hija dik ta' griehi gravi involontarji skond l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioé griehi gravi kkawzati minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti.

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx*

*hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol. vs Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs Alfred Vella*** *[Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs Hardingham****, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, huwa car li l-imputat kien zgur negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu. M'hemmx dubju wkoll li l-imputat kellu nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Apparti minn hekk, jirrizulta bl-aktar mod car mix-xiehda mismugha mill-Qorti (*a fol.* 36 *et seq., a fol.* 49 *et seq.*, *a fol.* 56 *et seq.*) li l-griehi sofferti minn Gauci kienu griehi ta' natura gravi li kellha, fost l-ohrajn, *dislocation* tal-*hip joint*. Wiehed ma jridx jinsa wkoll li fix-xiehda tieghu, Mr. Anthony Bernard xehed li l-effetti li spjega fid-deposizzjoni tieghu jibqghu bhala *permanent disability* (*a fol.* 37). Ghaldaqstant, ghandha tinstab htija tal-imputat ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi din l-imputazzjoni hija dik ta’ hsara nvolontarja taht l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, cioé hsara nvolontarja kkawzata minhabba nuqqas ta’ hsieb, traskuragni, jew nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni, jew nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti.

Illi, tenut kont ta’ dak li nghad hawn fuq, m’hemmx dubju li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant, ghandha tinstab htija tal-imputat ghat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta)</u>**:
Illi f’din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li dakinhar tal-4 ta’ Dicembru 2010 kien qed isuq bi traskuragni u/jew b’mod perikoluz u bla kont.

Illi ghandha ssir riferenza ghal dak li nghad fil-konsiderazzjonijiet rigward l-ewwel (1) imputazzjoni u kif ukoll ghall-gurisprudenza kwotata hemmhekk. Fil-konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni gie konkluz li l-imputat kien zgur negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu, inkluz li kellu nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Fadal issa jigi determinat jekk is-sewqan tal-imputat jammontax ghal wiehed perikoluz u bla kont. Tenut kont ta’ dak li nghad hawn fuq rigward sewqan perikoluz u bla kont u, kif ukoll, tenut kont tal-hin li sehh l-incident u l-fatt li ma kienx hemm vetturi ohra jinstaqu f’dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident u ma kienx hemm nies mexjin bir-rigel, il-Qorti tasal biex tikkonkludi li s-sewqan tal-imputat ma kienx wiehed perikoluz u bla kont. Ghaldaqstant, filwaqt li l-imputat ser jigi misjub hati ta’ sewqan traskurat, m’huwiex ser jigi misjub hati ta’ sewqan b’mod perikoluz u bla kont.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew addebitati lilu u li gew pruvati, hemm diversi fatturi x’jittiehdu in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat ser jinstab hati, il-konsegwenzi li qed taffaccja l-*parte leza*

minhabba l-agir irresponsabbli ta' l-imputat, u kif ukoll il-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda nadifa.

Illi, tenut kont ta' dan u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja mhijiex wahda idonea ghaliex hemm mizuri ohra li jistghu jkunu daqstant effettivi biex l-imputat jitghallem li vettura hija perikoluza daqs arma u li sewqan ghandu jkun dejjem prudenti u responsabbli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, tillibera lill-imputat minn sewqan b'mod perikoluz u bla kont, wara li rat Artikoli 226 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Andrew Pace hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni (fejn issir riferenza ghal sewqan bi traskuragni biss), u tikkundannah multa komplessiva ta' tlett elef Euro (€ 3, 000).

B'applikazzjoni ta' Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat Andrew Pace jigi skwalifikat mil-licenzja tieghu tas-sewqan u, wara li hasbet fit-tul kemm ghandu jkun il-perijodu ta' tali skwalifika, tiddeciedi li dan ghandu jkun dak ta' erba' (4) gimghat li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------